MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 774/2009

**Karmenu Vella**
**(ID 492553M)**

***kontra***

**General Workers' Union**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat presentat fis-6 ta` Awissu 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel (1) ta` Settembru elfejn u sitta (2006) ir-rikorrent irrizenja mill-impieg tieghu bhala*

*Segretarju tat-Taqsima Servizzi u Media tal-Union intimata u dan skond ma jirrizulta mill-ittra ta` rizenja hawn annessa u markata bhala Dokument A.*

*2. Illi a tenur ta` klawsola numru K2 tal-Memorandum of Understanding datat Settembru 1999 (Dokument B) li jirregola inter alia l-kundizzjonijiet tal-impieg tal-ufficjali impjegati tal-General Workers' Union bhalma kien ir-rikorrent, "Segretarji li jispiccaw mill-impjieg taghhom minn mal-GWU huma intitolati ghal hlas ta` somma ta` elfejn lira (Lm 2000) jew somma ekwivalenti ta` l-ahhar tlett xhur paga fl-impjieg taghhom".*

*3. Illi ghalhekk il-General Workers' Union intimata hija debitrici versu r-rikorrent fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf seba` mija u zewg Ewro u erbatax-il centezmu (€21,702.14) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamest elef mija u erba' Ewro u erbatax-il centezmu (€5,104.14) tliet xhur paga li r-rikorrent hu dovut li jithallas mill-Union intimata ai termini tal-Klawsola K2 tal-Memorandum of Understanding (Dokument A) u in kwantu ghas-somma ta` sittax-il elf hames mija tmienja u disghin Ewro (€16,598) ekwivalenti ta' mija u disghin (193) gurnata vacation leave li r-rikorrent hu intitolat ghalihom u ma thallasx taghhom bejn is-sena 1997 u s-sena 2005.*

*4. Illi l-General Workers` Union intimata giet interpellata diversi drabi biex thallas dan l-ammont izda dan sar inutilment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Tghid ghalhekk il-General Workers` Union intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u moghti kull provvediment opportun :*

*1. Tiddikjara illi l-Union intimata hija debitrici tar-rikorrent fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf*

*seba` mija u zewg Ewro u erbatax-il centezmu (€21,702.14) kif hawn fuq spjegat ; u*

*2. Tikkundanna lill-Union intimata sabiex thallas lir-rikorrent is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf seba` mija u zewg Ewro u erbatax-il centezmu (€21,702.14) bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali fl-ismijiet "Karmenu Vella vs General Workers' Union" datata 12 ta` Dicembru 2008 (4050/08) kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali fl-istess ismijiet datata l-1 ta` Awwissu 2007 (4517/07) kontra l-Union intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-attur flimkien mal-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata prezentata fit-18 ta` Settembru 2009 li taqra hekk –

*1. Preliminarjament il-union intimata teccepixxi n-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti f`din l-istanza in kwantu l-pretensjonijiet dedotti mir-rikorrent huma fost dawk previsti f'Titolu I tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta u b'hekk huwa t-Tribunal Industrijali li hu vestit bil-gurisdizzjoni esklussiva sabiex jismaghhom u jddeciedihom ai termini ta' l-Artikolu 75(1)(b) ta' l-istess Kap ;*

*2. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-union intimata teccepixxi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tar-rikorrenti bi zmien sena ai termini tal-Artikolu 2147(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu jirrigwarda l-pretensjoni tar-rikorrenti ghal hlas ta` xi forma ta' beneficcju ta` tmiem l-impjieg, tali pretensjoni u konsegwenti talba tar-rikorrenti*

*hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante :*

*i. klawsola numru K2 tal-Memorandum of Understanding addottat fl-24 ta' Novembru 1999 (DOK GWU1 anness) ma taghtix tali jedd lir-rikorrenti izda minflok tistipula li "Segretarji li jkunu spiccaw mill-impjieg taghhom minn mal-GWU huma obbligati li ma jaccettawx impjieg iehor jew jiehu sehem f`attivitajiet li jistghu jitfghu dell ikrah fuq l-integrita` taghhom jew dik tal-GWU".*

*ii. tezisti biss konswetudini li l-union intimata thallas ammont ex gratia lil ufficjali taghha li jispiccaw mill-kariga bhala turija ta` apprezzament tas-servizz u lealta` lejn l-organizzazzjoni, liema konswetudini ma taghti ebda jedd lir-rikorrenti li jippretendi xi hlas bi dritt, aktar u aktar meta l-lealta` kienet palezament nieqsa ;*

*4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-union intimata mhix debitrici tar-rikorrent ;*

*5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke kieku xi ammont jista` jkun dovut lir-rikorrenti – dan huwa dato ma non concesso – minn tali ammont ikun irid jitnaqqas il-perijodu tan-notice mhux mahmum mir-rikorrent ;*

*6. Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-intimata flimkien mal-elenku tad-dokument li kien esebit minnha.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta` Dicembru 2009 fejn idderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-24 ta` Gunju 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta` Settembru 2010 dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat is-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2010 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet l-ewwel eccezzjoni u ddikjarat li ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi din il-kawza, spejjez ghall-ghaqda konvenuta.

Rat id-digriet taghha moghti fil-miftuh fl-udjenza tal-25 ta` Ottubru 2010, fejn laqghet it-talba tal-ghaqda konvenuta, kif dedotta fir-rikors taghha tas-6 ta` Ottubru 2010, u tatha permess tappella mis-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2010.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta` Novembru 2010 fejn il-Qorti, wara li accertat ruhha illi li l-ghaqda konvenuta ipprezentat l-appell fit-12 ta` Novembru 2010, halliet il-kawza *sine die* riappuntabbli fi zmien xahar mid-data li fiha jkun deciz l-appell.

Rat is-sentenza tal-11 ta` Novembru 2011 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell, ikkonfermat is-sentenza appellata, u ordnat li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-ghaqda konvenuta.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta` Novembru 2011 fejn, wara li kienu rinvjati lilha l-atti tal-kawza wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, irriappuntat il-kawza ghall-udjenza tad-19 ta` Jannar 2012.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Jannar 2012 fejn il-Qorti dderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw it-tieni eccezzjoni halli taghti decizjoni dwarha, qabel ma tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-mertu, jekk ikun il-kaz.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-attur fit-28 ta` Marzu 2012.

Semghet ix-xiehda ta` Roberto Cristiano, ta` Robert Borg u tal-attur fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2012 u rat id-dokumenti li kienu esebiti fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Manuel Farrugia fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2012.

Semghet ix-xiehda ta` Tony Zarb fl-udjenza tal-14 ta` Jannar 2013.

Rat illi l-gbir tal-provi tal-partijiet kien konkluz fl-udjenza tal-14 ta` Jannar 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-26 ta` Marzu 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar it-tieni eccezzjoni bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Dritt</u>**

L-ghaqda konvenuta qeghda teccepixxi l-preskrizzjoni skond l-**Art** **2147(c) tal-Kap 16** li jaqra hekk –

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sena :*

*…*

*l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata.*

**A. Il-prova tal-preskrizzjoni**

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **"Stencil Pave (Malta) Ltd vs Deguara et noe**" din il-Qorti (**PA/JRM**) irriteniet illi –

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

(ara wkoll "**Holland noe vs Chetcuti**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**Vella vs Cefai**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Portelli vs Psaila" -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**Causon noe vs Sheibani**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**Camilleri vs Frendo**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**Borg vs Testaferrata Bonici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

In partikolari fis-sentenza "**Causon vs Sheibani noe**" il-Qorti qalet illi –

"*min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**Calleja vs Vella**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

**B. Tifsira restrittiva**

Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001).

Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma` jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

**C. Dekorrenza**

**L-Art.2137 tal-Kap.16** jaqra hekk –

*Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss.*

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament.

L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione* Cap XII, par 364 pag. 279.) jaffermaw illi –

***"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere."***

Izjed 'l quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –

***"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale"***

## D. Sospensjoni

It-terminu tal-preskrizzjoni jista' jkun **sospiz** fil-kaz biss li jkun hemm impediment ta' dritt jew cirkostanza li jahseb ghaliha l-Art.2125, tal-Kap 16 pero` mhux minhabba impediment ta` fatt, u dan in omagg ghall-principju li *contra non valentum agere non currit praescriptio* (ara "**Attard vs Fenech**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar, 1965 u "**Chircop vs Muscat**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2000).

Mill-**<u>Art 2125 tal-Kap 16</u>** id-disposizzjoni li *jista`* jkollha rilevanza ghall-kaz tal-lum huwa s-subartikolu (c) li jghid – *kwantu għal kull azzjoni oħra li l-ezerċizzju tagħha hu sospiż bi żmien, sakemm jagħlaq dan iż-żmien*.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

F`dan l-istadju, il-kompitu tal-Qorti huwa li tiddeciedi jekk hijiex fondata l-eccezzjoni tal-ghaqda konvenuta illi l-azzjoni attrici hija preskritta skond l-Art 2147(c) tal-Kap 16. Fost il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti trid taghmel hemm dik li tistabilixxi jekk dik id-disposizzjoni tistax tigi applikata ghall-kaz tal-lum.

Il-Qorti tosserva illi fil-provi illi ressqu, il-partijiet bil-kemm missew din it-tema centrali tal-kwistjoni. Ikkoncentraw l-isforzi taghhom fuq kwistjonijiet li jolqtu l-allegata ammissjoni inkella le tal-kreditu, li jolqtu l-allegata interruzzjoni jew sospensjoni tal-perijodu ta` preskrizzjoni u fatti jew cirkostanzi li aktar huma relatati mal-mertu milli mal-eccezzjoni *ut sic*. Kien tassew difficli ghall-Qorti li tfittex provi dwar l-applikabilita` tad-disposizzjoni ghall-kaz tal-lum u kwindi l-Qorti sejra zzomm lura milli taghmel gabra tal-provi ghaliex ma tridx illi l-pern tal-kwistjoni jintilef qalb provi li bhala fatt huma rrilevanti.

Dan premess, ghandu jinghad illi skond l-attur (ara l-affidavit tieghu) l-hekk imsejjah "*memorandum of understanding ghall-membri tal-amministrazzjoni centrali u ghas-segretarji tat-taqsimiet tal-General Workers Union*" jirregola l-kundizzjonijiet tal-impieg u s-salarji tal-membri tal-amministrazzjoni centrali, tal-presidenti u segretarji tat-taqsimijiet, tal-junior secretaries tal-GWU. Kopja ta` dan il-*memorandum of understanding* huwa esebit bhala Dok B minn fol 6 sa fol 14. Fost hwejjeg ohra, id-dokument

jinkludi Appendici “A” li jistabilixxi **l-hlasijiet fis-sena** tas-Segretarju Generali, tad-Deputat Segretarju Generali u tas-Segretarji tat-Taqsimijiet tal-GWU. L-Appendici “A” jiddetermina wkoll l-allowances ta` dawn l-ufficjali. Id-dokument kien iffirmat fl-24 ta` Novembru 1999. Kien iffirmat mill-persuni kollha li kienu jokkupaw il-karigi li ghalihom jirreferi l-Appendici “A” fosthom l-attur. Ezatt qabel il-firem, hemm mitkub hekk –

*L-ufficjali ta` l-Amministrazzjoni Centrali u s-Segretarji li huma full-timers mal-General Workers` Union qed jintrabtu li mil-lum l-Erbgha 24 ta` Novembru 1999 josservaw il-kontenut kollu li fih il-kodici t`etika inkluz fil-Memorandum of Understanding maqbul bejn l-Amministrazzjoni Centrali u s-Segretarji u ghalhekk iqisu li l-istess kodici dahal fl-effett illum l-Erbgha 24 ta` Novembru 1999.*

Id-dokument mhuwiex kontestat mill-ghaqda konvenuta.

Saret analizi approfondita tal-Art 2147(c) tal-Kap 16 fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri **(AE)** fis-sentenza taghha tal-11 ta` Lulju 2008 fil-kawza “**Vella et vs Korporazzjoni Enemalta**” (li minnha ma kienx hemm appell). Il-Qorti sejra taghmel riferenza *in extenso* ghal dik is-sentenza.

Fis-sentenza appena citata, il-Qorti qalet hekk bhala **introduzzjoni** ghall-Art 2147(c) tal-Kap 16 –

*Dan il-provvediment mhu xejn ghajr traduzzjoni mit-test originali bit-Taljan tal-Artikolu 1911 tal-Ordinanza numru VII tal-18681 li kien jaqra hekk :*

*“Le azioni dei domestici od altre persone stipendiate a mese, degli operai e dei giornalieri, pel pagamento delle loro giornate, dei loro salario o delle somministrazioni loro dovute.”*

*It-test* Ingliz tal-istess Ordinanza jaqra : *"Actions of servants or other persons salaried by the month, of artificers, and day-labourers, for the payment of their wages, of their salaries, or the provisions due to them."*

Il-Qorti ghamlet dawn l-**osservazzjonijiet –**

*(a) Hemm distinzjoni apparenti bejn it-test Malti u dak Ingliz in kwantu fit-test Malti jinghad **"ghall-hlas tal-granet tal-pagi"** filwaqt li fit-test Ingliz jinghad "for the payment of their wages" ;*

*(b) Jidher li hemm lacuna in kwantu dan il-provvediment ma japplikax ghal dawk il-persuni li ghandhom is-salarji pagabbli mhux kull xahar. Dan ifisser li ghal dawn il-persuni japplika perjodu ta' preskrizzjoni itwal. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hekk. Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Degiorgio vs Vincent Muscat** deciza fit-8 ta' April 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (**AJM**) l-attur kien jahdem bhala chef u kien jithallas kull gimgha. L-attur harrek lill-principal tieghu ghall-hlas ta' salarju. Il-Qorti kkonkludiet : "Infatti l-artikolu 2147(c) fuq imsemmi jitkellem dwar persuni mhallsin bix-xahar, jew persuni ingaggati bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi. Fil-kaz in ezami izda jirrizulta li l-attur kien ingaggat u jithallas bil-gimgha u mhux bix-xahar u lanqas bil-gurnata. Ghalhekk il-preskrizzjoni sollevata mhux applikabbli ghal kaz in ezami."*

Dejjem fil-kuntest ta` din l-osservazzjoni, il-Qorti ghamlet *footnote* b`riferenza ghal sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Gunju 1917 (konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta` Jannar 1919 – Kollez Vol XXIII.I.7) fil-kawza "Paola Gauci vs Filippo Camilleri et altri" fejn inghad hekk –

*"Sull'eccezione della prescrizione, che non trattandosi di dimettere persone stipendiate a mese e' inapplicabile la prescrizione contemplata nel 3 a linea dell'articolo 1911 dell'Ordinanza VII del 1868, e solo si potrebbe applicare la prescrizione di cinque anni, come fu ritenuto con diverse sentenze dei nostri tribunali tra cui*

*quelle di questa Corte del 26 Gennaio 1882, nella causa Borg Preziosi (Collezione IX.618), e del 28 Febbraio 1893 nella causa Azzopardi versus Dr. Preziosi (ibid. XIII.432)"*

Il-Qorti **kompliet** hekk –

*(c) Certament li wasal iz-zmien li dawn il-provvedimenti, li dahlu fis-sehh permezz tal-Ordinanza numru VII tal-1868, jigu riveduti u fejn hemm bzonn emendati sabiex jirriflettu z-zminijiet li qeghdin nghixu fihom. Il-Qorti mhi tara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hemm distinzjoni bejn dawk imhallsin bix-xahar u haddiema ohra imhallsin iktar spiss.*

*(d) Il-fatt li fl-Artikolu 2147(c) tintuza l-kelma `paga` u wkoll `salarju`, hemm distinzjoni fis-sinifikat taghhom minkejja li fil-hajja ta' kuljum dawn iz-zewg termini jintuzaw b'mod li huma kunsidrati li ghandhom l-istess sinifikat. Il-Qorti taqbel li l-kelma "tal-granet tal-pagi" (fit-test Taljan "pel pagamento delle loro giornate") qeghda tirreferi ghal dawk il-haddiema li jahdmu bil-gurnata. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Alex Caruana vs Joseph Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Dicembru 1978. M'hemmx dubju li l-atturi ma jikkwalifikawx bhala haddiema li jahdmu bil-gurnata.*

*(e) Fl-Att dwar l-Impieg u Relazzjonijiet Industrijali (Kap.452) l-Artikolu 2 jipprovdi li :-*

*"paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu minn principal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jithallas skond l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati ma' l-esekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni."*

*Jidher li din il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn salarju u paga.*

Il-Qorti ghamlet riferenza ghal xi gurisprudenza sabiex tistabilixxi liema hlasijiet jikkwalifikaw bhala salarju. Fost is-sentenzi citati kien hemm "**Paul Aquilina vs**

**<u>Victor Satariano noe</u>”** li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta’ Gunju 1994 –

*fejn gie spjegat li hlas ghal leave ma jaqax taht il-kategorija ta’ salarju (ghalkemm is-sentenza kienet b’riferenza ghall-Artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili) in kwantu l-Qorti kkonkludiet li m’hemmx ekwivalenza bejn salarju u d-dritt ghal leave.*

Il-Qorti esprimiet ruhha hekk –

*Il-Qorti hi ukoll tal-fehma li z-zmenijiet inbidlu fis-sens li meta dan il-provvediment originarjament dahal fis-sehh il-beneficcji li jinghataw illum il-gurnata lill-impjegati ma kienux jezistu. Ma jaghmilx sens li hlasijiet ohra li jifformaw parti mill-pakkett tas-salarju tal-impjegat ikun japplika ghalihom perjodu ta’ preskrizzjoni hafna iktar twil.*

U kompliet –

*Tibqa’ l-kwistjoni jekk l-atturi humiex imhallsin bix-xahar.*

Il-fehma taghha kienet illi –

*l-kelma “xahar” ghandha tfisser xahar skond il-kalendarju Gregorjan. B’analogija tista’ ssir riferenza ghall-Artikolu 103 tal-Kap. 12 li jipprovdi :- Fl-ghadd taz-zmien, il-gurnata tinghadd ta` erbgha u ghoxrin siegha, ix-xahar u s-sena skond il-kalendarju.*

*Jekk wiehed kellu japplika dan it-terminu ta’ preskrizzjoni jkun ifisser li ma japplikax minn meta l-atturi bdew jithallsu s-salarju kull erbgha (4) gimghat, ghaliex dan ma jikkwalifikax bhala xahar. Irid jinghad li l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, tali dubju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni.*

F`dak il-kaz, l-atturi kienu jokkupaw il-kariga ta' assistant manager u professional executive mal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti kompliet hekk –

*Madankollu l-Qorti tistqarr li kellha dubju serji, mehud in konsiderazzjoni l-grad li ghandhom, kemm l-atturi jaqghu taht dan il-provvediment.*

Il-**<u>punt krucjali</u>** tas-sentenza kien dan li gej –

***Fil-fehma tal-Qorti hu evidenti li s-salarju m'huwiex pattwit kull erbgha (4) gimghat imma tant fis-sena. Il-fatt li mbaghad il-modalita' tal-hlas hi kull erbgha (4) gimghat (fil-kaz ta' Josephine Vella ghamlet numru ta' snin fejn u s-salarju kienet tircevih kull xahar) hi kwistjoni ohra. Il-Qorti hi tal-fehma li m'huwiex importanti kif is-salarju dovut lill-impjegat hu mqassam matul sena, cjoe' l-frekwenza tal-hlas. Interessanti kif fit-test originali (Ordinanza numru VII tal-1868), il-kelma li intuzat hi "stipendiati" (salaried bl- Ingliz). L-Articolo 1912 (illum 2148) kien jaqra "Di coloro che fossero stipendiati ad anno pel pagamento del loro salario." Provvediment li sal-lum ghadu ma giex emendat. Fil-fehma tal-Qorti hekk biss jistghu jgu nterpretati l-provvedimenti rilevanti tal-preskrizzjoni qasira fir-rigward tas-salarju, sabiex jaghmlu sens. F'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mal-fehma li esprimiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (<u>GCD</u>) fil-kawza Martin Abela vs Ramon Spiteri nomine deciza fit-22 ta' Frar 2002 fis-sens li:- "Kif juri s-seba' patt tal-ftehim, izda, is-salarju ta' l-attur huwa stipulat b'tant fis-sena, mhux b'tant fix-xahar ; il-preskrizzjoni taht l-art. 2147(c) tal-Kodici Civili ghalhekk ma tghoddx ghall-kaz ta' l-attur, u l-eccezzjoni hija ghalhekk michuda". Tant hu hekk li kwalsiasi kalkoli li jkun hemm bzonn li jsiru, isiru fuq sena salarju.*** (enfasi ta` din il-qorti)

Il-Qorti ghalhekk **cahdet** l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Din il-Qorti ghamlet ampja riferenza ghal dik is-sentenza ghaliex fil-fehma taghha tindirizza b`mod rilevanti mhux biss l-aspetti ewlenin tal-kaz taht ezami riferenza izda ghaliex tistimola wkoll l-aggornament tal-legislazzjoni taghna f`dan il-kamp. Din il-Qorti taghmel taghha ghall-fini ta` din il-kawza r-ragunijiet kollha li gabet il-Qortio fis-sentenza citata sabiex tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 2147(c) tal-Kap 16.

Fil-kaz tal-lum, l-ahjar prova li tressqet biex tistabilixxi l-kondizzjonijiet tal-impieg tal-attur huwa l-*memorandum of understanding* tal-1999.

Il-pretensjoni tal-attur hija l-hlas tas-somma ta` €21,702.14 *in kwantu ghas-somma ta' hamest elef mija u erba' Ewro u erbatax-il centezmu (€5,104.14) tliet xhur paga li r-rikorrent hu dovut li jithallas mill-Union intimata ai termini tal-Klawsola K2 tal-Memorandum of Understanding (Dokument A) u in kwantu ghas-somma ta` sittax-il elf hames mija tmienja u disghin Ewro (€16,598) ekwivalenti ta' mija u disghin (193) gurnata vacation leave li r-rikorrent hu intitolat ghalihom u ma thallasx taghhom bejn is-sena 1997 u s-sena 2005.*

Mela fil-kawza tal-lum mhuwiex jippretendi arretrati ta` salarji li kienu dovuti lilu sad-data meta rrizenja mill-impieg tieghu mal-GWU. Dwar is-salarju ma kien hemm l-ebda tilwima min-naha tal-GWU li rrizulta li kienet disposta thallas. Tant ma kienx hemm tilwima li l-attur ma ressaq l-ebda pretensjoni ghal arretrati ta` salarju.

Il-pretensjoni attrici hija ghal hlas ta` “*ghamla*” ta` “*terminal benefit*” kif spjegat u fil-parti K2 (fol 10A) tal-*memorandum* u hlas ta` *leave.*

Stante li dik kienet il-pretensjoni, l-ghaqda konvenuta ma setghetx teccepixxi l-preskrizzjoni skond l-Art 2147(c) tal-Kap 16 ghaliex dik id-disposizzjoni b`ebda mod ma tista` twaqqa` dritt ta` azzjoni skond il-kawzali impostata mill-attur.

Fi kwalunkwe kaz huwa evidenti mill-*memorandum* fuq riferit illi  s-salarju ma kienx patwit bix-xahar izda bis-sena kalendarja. Il-fatt li bhala modalita’ l-attur ma jbiddel xejn mill-kwistjoni ghaliex mhux importanti kif is-salarju dovut lill-impjegat huwa mqassam matul is-sena u cioe’ l-frekwenza tal-hlas sabiex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli. Fil-fehma tal-Qorti huwa evidenti li fuq l-iskorta tal-ahjar prova li ghandha quddiemha li s-salarju mhuwiex pattwit kull erba’ gimghat imma fis-sena.

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-ghaqda konvenuta u cioe` dik tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art 2147(c) tal-Kap 16**.

**Tordna lill-ghaqda konvenuta sabiex thallas l-ispejjez ta` dan il-provvediment.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------